# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 22**

**Citaz. Nru. 2282/97GV**

Doc. 126-01

**Joseph Attard**

**vs**

**Enemalta Corporation**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur applika u qaghad ghall-ezami intern fi hdan il-korporazzjoni konvenuta li permezz tieghu huwa kellu jottjeni grad oghla u cioe' dak ta' *generation officer*.

Premess illi wara diversi sulluzzi fil-process kollu tal-ezami huwa gie infurmat li huwa ma lahaqx il-grad necessarju u wara li ghamel ilment mal-Ufficcju tal-Ombudsman dan b'ittra datata 27 ta' Novembru, 1996 (Dokument ADS) infurmah li huwa kien ottjena 37% fi-iskritt u *50%* ft-oral.

Peress illi l-istess Ombudsman ikkonkluda ukoll li l-mod ta' kif sar l-ezami kien imhawwad u bl-ebda mod ma qabel mieghu izda "ficcirkostanzi" ghazel Il ma jaghtih ebda rimedju izda l-Korporazzjoni konvenuta ghazlet li taghti l-grad

imsemmi lil persuni li marru ghar rnill-attur fi-iskritt u li ma jafux ix-xoghol kif jafu huwa.

Premess illi l-attur baghat ittra ufficjali datata 5 ta' Gunju, 1997 fejn talab lill-korporazzjoni konvenuta tirretifika l-atti u tghaddih izda ghall-ittra tal-imsemmi b'risposta datata 14 ta' Lulju, 1997 l-korporazzjoni cahdet bhala infondat dak li qed jallega l-attur u ghal hekk l-attur kellu jippresenta l-odjerna kawza.

L-attur talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-ezarni li sar lill-attur ma kienx wiehed tajjeb anzi imhawwad u ma ghamlux evalwazzjoni tajba tal-kapacitajiet tal-attur;

2. Konsegwentement tiddikjara li l-attur ghandu l-kwalifiki neccessarji ghal grad ta' *generation officer;* u

3. tordna lill-korporazzjoni konvenuta taghtih dak il-grad fl-impieg tieghu.

Bl-ispejjes inkluza dik tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju, 1997 kontra l-korporazzjoni konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta a fol. 9 tal-process li permezz taghha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, kif stipulat fl-artiklu 469A tál-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti m'ghandiex gurisdizjoni biex tissindika l-att amministrattiv mertu ta' din il-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tielet talba tal-attur hija "*ultra vires*" u ma tistax tintalab.

3. Illi minghajr pregudizju ghall-premess, ir-raguni ghaliex l-attur Joseph Attard ma nghatax il-grad ta' *Generation Officer*, kien ghaliex l-istess Joseph Attard ma lahaqx il-marki mehtiega mill-Bord ta' l-ghazla ghal dan il-grad. Dan infatti gie wkoll konfermat mill-istess Ombudsman fid-dokument ADS ezebit mill-istess attur mac-citazzjoni.

4. Illi minghajr pregudizju ghall-premess, il-kaz ta' Joseph Attard kien fuq talba tieghu stess, gie ezaminat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u skond l-istess Kummissjoni ma rrizulta l-ebda ingustizzja fil-mod kif saru l-affarijiet.

5. Ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet kollha ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti: tiddikjara li l-ezami li sar lill-attur mill-konvenuti ma kienx wiehed tajjeb anzi imhawwad u m'ghamlux evalwazzjoni tajba tal-kapacitajiet ta' l-attur; konsegwentement tiddikjara li l-attur ghandu l-kwalifiki

necessarji ghal grad ta' *generation officer*; tordna lill-Korporazzjoni konvenuta taghtih dak il-grad fl-impieg tieghu.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament li kif stipulat fl-artikolu 469A tal-Kap 12 dina l-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni biex tissindika l-att amministrattiv mertu ta' dina l-kawza.

**PROVI**

**L-attur** xehed li kien ghamel ezami bil-miktub ghal post ta' *generation officer* mal-Enemalta. Kienu ghaddew 33 u saru l-*interviews*. Hu kien talab *review* tal-karta u gie infurmat li ma kienx lahaq il-grad. Hu ma qabilx ma dina d-decizjoni billi kienet ibbazata fuq il-karta *written* biss. Imbaghad kien sar l-*interview* ghall kullhadd inkluz lilu. Ir-rizultat ta' l-ewwel 33 hareg qabel ma sar dan l-*interview*. Kienu kkwalifikaw 32. Mir-rizulta finali kkwalifikaw 39 ohra. Minn dawn l-ahhar 39 persuna li ghaddew mit-tieni fazi, 7 kienu gabu marka inqas minnu fir-*written*. Dawn kienu ghaddewh fl-*interview*. Hu ghandu aktar esperjenza minnhom fl-Enemalta. Il-kriterji li ntuzaw fl-ewwel *interview* kienu differenti minn dawk uzati fit-tieni *interview*. Kien mar ghand l-Ombudsman u dan ikkonferma li kien hemm it-tahwid pero' ma tahx rimedju avolja gab marka ghola minn haddiehor. Hu qal li gie diskriminat ghax kien ipprotesta dwar l-*interview*.

Hu esebixxa l-ittra ta' l-Ombudsman (a fol. 4) fejn fost affarijiet ohra hemm imnizzel li "Il-process kien imhawwad. Izda fic-cirkostanzi wiehed irid jaccetta dak li sar bhala fatt komplut u skond il-kriterji stabbiliti inti ma kkwalifikajtx". Ir-rizultat kien li l-ezercizzju kien wiehed konfus bir-regoli ta' l-ezami jinbiddlu minn zmien ghal zmien kemm il-darba.

**KONTESTAZZJONI**

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-att amministrattiv li qed jigi kontestat mhux sindakabbli minn dina l-Qorti billi ma jaqa' taht ebda wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-artikolu 469A. L-attur ma kkwalifikax skond il-kriterji stabbiliti ghal ezami u l-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-decizjoni tal-Bord.

L-attur invece jghid li taht l-art 469(A)(3) fejn jissemma "abbuz" dan hu wiesa bizzejjed biex il-kaz tieghu jidhol fih. Il-Bord ha kaz ta' "*irrelevant considerations*". L-attur qed jattakka il-procedura kollha li intuzat, tibda mit-tahwid fil-kriterji li intuzaw u mhux kwistjoni biss ta' *marking*.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-artikolu 469(A) Kap 12 dwar stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Hu ghamel riferenza ghas-subartikolu 1(a)(iii) li jipprovvdi li hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kaz:

> (iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Ghalhekk dana l-abbuz li l-attur qed jirreferi ghalih irid jikkonsisti:

- ghanijiet mhux xierqa

- jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti

Skond l-awtur Garner, Administrative Law, 8th Edition, pag. 224, taht is-subtitle "*Relevant and irrelevant considerations*":

> *'It is important to note that the Courts are here concerned with what factors were or were not considered in reaching a decision. They are not concerned here with* ***how*** *they were considered, or concerned with what* ***weight*** *was accorded to each. As Forbes J put it in Pickwell vs Camden London Borough Council (1983)*
>
> *'…the court is not concerned with whether due or proper weight is given to a material consideration: the weight to be given to such a matter is for the body exercising the discretion to determine..'*
>
> *To consider a matter and to conclude that the weight to be accorded to it is nil 'lies within the scope of discretion' and is 'not necessarily to be equated with ignoring' that consideration. In other words, the role of the reviewing court is simply to satisfy itself that the decision-making body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions."*

Jirrizulta mill-provi li ngabu, li kien hemm kriterji li ntuzaw ghal kullhadd meta sar l-ezami. Ma ngabux provi pero' dwar x'kienu dawn il-kriterji jew li dawn "inbiddlu minn zmien ghal zmien kemm il-darba" (fol 4).

Fil-premessi tac-citazzjoni l-attur isemmi li 'l-ezami kien imhawwad'; li 'hu bl-ebda mod ma qabel mieghu'; 'li l-Korporazzjoni konvenuta ghazlet li taghti grad imsemmi lil persuni li marru ghar mill-attur fl-iskritt'; 'u li ma jafux ix-xoghol kif jafu huwa'.

Imbaghad fit-talba principali tieghu l-attur talab li dina l-Qorti :

“tiddikjara li l-ezami li sar lill-attur mill-konvenuti ma kienx wiehed tajjeb anzi imhawwad u m’ghamlux evalwazzjoni tajba tal-kapacitajiet ta’ l-attur”.

Illi kif aktar intqal fuq, ‘*the Courts are here concerned with what factors were or were not considered in reaching a decision. They are not concerned here with* ***how*** *they were considered, or concerned with what* ***weight*** *was accorded to each’.*

Fil-kaz in ezami l-Korporazzjoni imxiet fuq kriterji stabbiliti (almenu ma giex pruvat kuntrarju quddiem dina l-Qorti) ghall kull minn qaghad ghal ezami. Il-Qorti taht l-artikolu 469(A) bhala qorti ta’ revizjoni ma tidholx fil-kwistjoni ta’ kif taw il-marki u ghaliex taw dawk il-marki u jekk saritx evalwazzjoni tajba tal-kapacitajiet ta’ l-attur. Dawn huma affarijiet li kienu fid-diskrezzjoni ta’ min ezamina u dina l-Qorti ma tidholx f’kwistjonijiet dwar jekk l-ezami kienx tajjeb jew le, jew jekk l-attur jafx ix-xoghol aktar minn dawk li ntghazlu.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li dina l-Qorti m’ghandiex gurisdizzjoni biex tissindika l-att amministrattiv mertu ta’ dina l-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni konvenuta, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**